# CECIL DAY-LEWIS

Ku'l min għandu għal qalbu l-letteratura, ferħ meta sar jaf li permezz tal-British Council kien ser jiġi fostna, flimkien mal-mara tiegħu, il Poet Laurate ta' l-Ingilterra, is-Sur C. Day-Lewis.

Għalkemm is-Sur Day-Lewis hu magħruf l-aktar bħala poeta, u l-iżjed mill-1 ta' Jannar tas-sena l-oħra meta l-Maestà Tagħha għoġobha taħtru bħala s-suċċessur ta' John Mansfield, b'danakollu hu beda beda l-karriera letterarja tiegħu bosta snin ilu f'qasam letterarju differenti għal kollox.

Cecil Day-Lewis twieled l-Irlanda fl-1904, imma kien għadu tarbija ta' sentejn biss meta l-ġenituri tiegħu ħaduh magħhom l-Ingilterra fejn baqa' dejjem igħix u jaħdem. L-ewwel skola tiegħu kienet Sherborne u wara mar f'Wadham College, Oxford. Meta ħareġ mill-Università beda jgħallem, għall-ewwel fi Skola Preparatorja u wara f'Cheltenham College. Kien sewwa sew meta kien f'dan il-Kulleġġ li beda jikteb "detective tales" taħt il-psewdonimu ta' "Nicholas Blake", billi min-naħa t'ommu kien jiġi fil-bogħod mill-famuż ammirall Robert Blake ta' żmien Oliver Cromwell.

Billi bil-kitba tiegħu wara ftit tas-snin beda jaqla' biżżejjed għall-bżonnijiet tal-ħajja, hu qatagħha li jagħtiha għall-kitba u l-aktar tal-poeżija. B'hekk mexa fuq il-passi ta' antenat ieħor, l-imsemmi poeta u prożatur Oliver Goldsmith, irlandiż ukoll u li għex għal żmien twil l-Ingilterra.

Il-poeżija ta' Day-Lewis, l-istess bħal ta' sħabu W.H. Auden, Stephen Spender u Louis MacNeice hi x'aktarx lirika, didattika, mibnija fuq forom tradizzjonali, iżda mżewqa b'simboli jillustraw is-soċjetà industrijali ta' dan is-seklu u li fiha, indirettament jikkritika l-ħajja dekadenti tal-borgesija ingliża, filwaqt li jħabbar it-twaqqif ta' soċjetà marxista li hu jqis bil-wisq superjuri għas-soċjetà kapitalista. Iżda ngħaġġel nżid li fil-milja taż-żmien u tat-tiġrib tal-ħajja, Day-Lewis tbiegħed, jekk ma nfatamx għal kollox, minn dawk l-idijat u fantasiji ta' ġuvinturitu, u l-aktar minn l-aħħar gwerra 'l hawn. Ninnutaw ukoll, u kif irrimarka hu stess fid-diskors li għamel il-"British Institute", li l-edukazzjoni klassika li kien kiseb fi tfulitu u żgħożitu servietu ħafna fil-kitba poetika u b'mod speċjali fit-traduzzjoni ta' l-Enejde, l-Eklogi u l-Ġeorġiki ta' Virġilju Maru, l-istess bħalma kenitlu ta' għajnuna l-atmosfera tal-kampanja li fiha għex meta kien qed jagħmel dawk it-traduzzjonijiet.

Għalkemm s'issa semmejt biss id-"detecitve tales" u l-poeżija, irrid infittex inżid li hu kiteb ukoll għall-inqas żewġ romanzi, xi kotba għat-tfal, u ħafna artikoli ta' kritika letterarja; il-proża tiegħu hi mexxejja u ċara fil-ħsieb u t-tifsir tiegħu; magħrufa ħafna hi l-'essay' "A Hope



for Poetry", li hu ippubblika fl-1934. Għoxrin sena wara raw id-dawl l-"Collected Poems" tiegħu, u minn dak iż-żmien tliet kotba oħra ta' poeżiji.

Is-Sur Day-Lewis, barra l-ħatra tiegħu bħala "Poet Laurate" kiseb bosta unuri oħra matul ħajtu, fosthom il-Professorat tal-Poeżija fl-Università ta' Oxford. Il-lum hu Direttur ta' *Chatto and Windus*, ditta li tippubblika bosta kotba serji u magħrufa, u "Chairman" ta' l-"Arts Council Literary Panel."

Ma nkunux qegħdin niżbaljaw meta ngħidu li l-fortuna għenitu meta għażlitlu bħala sieħba lil "Jill Balcon" li sa minn tfulitha wriet ġibda l-aktar kbira għad-deklamazzjoni u li żviluppat f'artista l-aktar fina—u fuq kollox mara li tant tieħu ħsieb żewġha għax tagħraf il-merti kbar tiegħu fil-qasam letterarju.

Aħna ta' l-Akkademja li kellna x xorti nisimgħuh jitkellem, u flimkien mas-sinjura tiegħu, jiddeklama sew il-versi tiegħu stess kif ukoll ta' oħrajn, fosthom traduzzjoni bl-Ingliż tas-sunett "Bjuda" ta' Dun Karm tagħna, u li kellna wkoll il-privileġġ noffrulu daqsxejn ta' pranzu sabiex ikun jista' jiltaqa' mal-kittieba Maltin, ħassejna ruħna kburin meta rajna kemm kien qed iħossu "at home" fostna, u forsi f'qalbna għidna li hu tassew minnu li l-għerf ma għandux fruntieri.

G.Z.A.

# FARIŻINA

### Ta' CHARLES COLEIRO

Bħall-kobra
li taħt żaqqha
tħalli l-vacuum sħun tas-saħħa tagħha
il-kelma tista' tkun;
fit-tlugħ u l-inżul u d-dawrien
fil-kisra għamja li żżerżaqha
fuq in-naħa tal-lemin
titkaxkar fuq iż-żlieq
ta' l-odju aħdar marradi
li jtir mill-ħofra ta' moħba
fuq xifer l-ilsien.

U r-rotta timbotta
tal-ħażen midfun
ġo dħaħen ta' ħalf u ta' dagħa
qalb slaleb u inċens
u xjaten jitqallbu
jitolbu
amen.